ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto)    IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 14    IT-TNEJN 25 TA' APRIL 2016**

Il-Kunsill Lokali kellu jiltaqa' nhar it-Tnejn 25 ta' April 2016 fis-6.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Għaxar Kunsilliera)**

Jesmond Aquilina, Ralph Puli, Jerome Caruana Cilia, Bjorn Azzopardi, Renald Falzon, Joseph Aquilina, Robert Reno Cremona, Martina Brancaleone, Antoine Saliba Haig, u Marvin Zammit.

Is-S.E. informa li s-Sindku Rosianne Cutajar infurmat bil-miktub li ma segħetx tattendu u tippresiedi s-seduta minħabba li kienet ma tiflaħx.

Fiċ-ċirkostanzi l-Kunsill qies din ir-raġuni bħala validi u s-Sindku Rosianne Cutajar ġiet meqjusa bħala skużata għal-laqgħa. Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina ippresieda l-laqgħa.

**TALBA**

**Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** qal it-talba u infurma lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt tal-Kunsill.

Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina xtaq jirreġistra billi jifraħ il-mument u okkażjoni tant sabiħa ta' għaqda li seħħet fil-belt tagħna fl-okkażjoni tal-anniversarju tal-istatwa titulari ta' San Ġorġ, fejn fil-24 ta' April sar pellegrinaġġ bl-istatwa ta' San Ġorġ u ġiet milqugħa quddiem il-Knisja żgħira ta' San Sebastjan f'atmosfera ta' għaqda liema bħalha.

Is-Segretarju Eżekuttiv qara komunikazzjoni li s-Sindku Rosianne Cutajar xtaqet li tinqara fis-seduta:

*"Ilbieraħ kien jum storiku fejn bl-akbar maturita' l-qriema kollha insew dak li jifridhom u iffukaw fuq dak li jgħaqqadhom. Kull min kien preżenti emozzjona ruħu x'ħin indaqqu l-innijiet ta' San Ġorġ u San Sebastjan u instema' mill-pjazza l-għajjat Viva San Ġorġ Viva San Bastjan. J'Alla nibqgħu ngħixu l-ispirtu ta' dan il-mument matul is-sena kollha għaliex tassew nemmen li magħqudin nistħgu nkunu belt aħjar. Nirringrazzja lill-Arċipriet, Kappillan, l-għaqdiet Qriema u kull min kien involut f'din l-okkażjoni memorabbli."*

**Il-Kunsill kollu ingħaqad ma' dan il-messaġġ tas-Sindku.**

**Il-Kunsillier Josef Aquilina** issuġġerixxa li tintbagħat ittra ta' awgurju u ringrazzjament lill-Arċipriet, Kappillan u l-għaqdiet qriema. Il-Kunsill qabel nem.con

**14/01/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 13**

**Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 13 li nżammet nhar it-Tnejn 21 ta' Marzu 2016, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi issekonda l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-minuti.**

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 13 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**14/02 MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET**

**14/02/01** **Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** stieden **lill-Kunsillier Josef Aquilina** jagħti dettalji dwar il-mawra fi Sqallija li se tiġi organizzata fl-okkażjoni ta' Jum Ħal Qormi. **Il-Kunsillier Josef Azzopardi** infurma lill-Kunsill li din il-mawra se ssir fil-21 ta' Mejju 2015 u ħeġġeġ biex ikun hemm attendenza tajba.

**14/02/02** **Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** spjega li huwa u s-Sindku Rosianne Cutajar iltaqgħu mal-Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri li flimkien magħhom se tittella' s-serata ta' Jum Ħal Qormi. L-attivita' se tkun tikkonsisti f'Serata Mużiko-Letterarja u Dramm dwar il-Miġja ta' San Ġorġ. Se jkun hemm ukoll l-inawgurazzjoni tar-restawr tal-Knisja ta'

San Franġisk De Paule kif ukoll l-preżentazzjoni mis-Sindku ta' Gieħ Ħal Qormi u Għarfien il-Ħila.

14/02/03 **Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** informa lill-Kunsill li fl-okkazjoni ta' Jum Ħal Qormi se tiġi organizzata attivita' dwar is-saħħa mtella' bil-kollaborazzjoni tal-*Health Promotion Unit* nhar is-Sibt 28 ta' Mejju ħdejn il-Monti.

14/02/04 **Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** infurma lill-Kunsill li l-proġett ta' Triq San Pietru għandu jibda malli jinkisbu l-permessi mill-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma.

14/02/05 **Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** fakkar li l-Kunsill kien iddeċieda li wara li ħarġet is-sejħa tal-kiri ta' gabbana fi Ġnien de La Cruz għal diversi drabi mingħajr suċċess, il-Kunsill kien iddeċieda li din il-kirja għandha tinkludi tisbiħ tal-ġonna biex ikun proġett akbar u aktar attraenti. Sadanittant, kien hemm interess biex il-gabbana tiġi mikrija u għaldaqstant il-Kunsill iddeċieda b'mod unanimu sabiex l-offerta tal-kiri tal-gabbana ta' Ġnien de La Cruz terġa toħroġ kif dejjem ħarġet bl-inklużjoni tar-*Right of First Refusal*.

14/02/06 **Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** infurma lill-Kunsill li x-xogħol fuq il-websajt il-ġdida jinsab għaddej u huwa ppjanat li għal Ġunju din tiġi varata.

14/02/07 **Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** infurmat lill-Kunsill li l-Kunsill irċieva donazzjoni ta' Eur10,000 mingħand benefattur barrani għal skop ta' proġett ta' restawr. Fil-fatt din l-isponsorship se tintuża għall-parti ta' fondi li mhumiex koperti mill-allokazzjoni mogħtija mill-MEPA għar-restawr tal-Knisja ta' San Franġisk. Din l-isponsorship inkisbet bl-intervent tal-**Kunsillier Dr. Antoine Saliba Haig.**

14/02/08 **Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** informa lill-Kunsill li r-Reġjun Nofsinhar iddeċieda biex l-flus allokati għal servizz ta' Eco Wardens jista' jintuża wkoll għall-proġetti ambjentali. L-allokazzjoni hija ta' Eur4,000.

14/02/09 Dwar il-laqgħa li kellha ssir mis-**Sindku Rosianne Cutajar** mal-Kap Eżekuttiv tal-HSBC din kellha titħassar peress li din kellha ssir qabel is-seduta u s-Sindku hija ma tiflaħx.

**14/03 PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' MARZU 2016**

**Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Marzu 2016, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u

wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

**DOK 'A1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Marzu 2016
**b)** *Bank Payments* Marzu 2016
**c)** *Petty Cash* Marzu 2016

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku ppropniet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** issekonda.

**Ivvutaw Favur** Għaxar Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

**14/04 MOZZJONIJIET**

**14/04/01 MOZZJONI Nru 33/2016 (VII)**

**Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq il-mozzjoni ffirmata mis-Sindku Rosianne Cutajar mressqa preċedentament mal-agenda, għad-diskussjoni:

*Nipproponi li biex il-Kunsill Lokali jagħti Għarfien il-Ħila 2016 lil persuni msemmija hawn taħt skond il-kategorija indikata rispettivament,*

**Żgħażagħ**

Yanika McKay
Jordan Lee Busuttil
Cheyenne Aquilina

**Sports**

Natasha Bianchi
Joe Gerada
Antonella Chouhal

**Arti, Mużika u Letteratura**

Kiana Fenech
Sebastian Said
Alfred Cuschieri

Michaela Deguara
Roderick Zerafa
Riona Degiorgio
Vince Peresso
Claire Ebejer
Victor Formosa

**Servizz lill-Komunita'**

Fr Luciano Baldacchino
Carmel Falzon

**Sehem fl-għaqdiet lokali**

Silvio Debono
Elaine Schembri
Simon Peter Falzon
David Falzon
Justin Saliba
Charles Micallef
George Micallef
Alex Tabone
Lola Xerri

**Għaqdiet Lokali**

Ladies Circle San Sebastjan Hal Qormi

**Intrapriża**

Alfred Gatt Autoparts
Mario Debono

**Il-Kunsilliera kollha prezenti** issekondaw l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar (10) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova din il-mozzjoni u jipremja lil dawn il-persuni b'Għarfien il-Ħila 2016.**

**14/05 RAPPORTI**

**14/05/01** **APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-AWDITUR GĦAR-RAPPORT FINANZJARJU GĦAS-SENA 2015**

**Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** stieden lis-Segretarju Eżekuttiv jispjega dan ir-rapport. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-awditur ma rrikkomanda l-ebda aġġustament għajr żieda ta' kumment fin-notamenti rigward il-Contigent Liabilities.

**Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq mozzjoni biex jiġi approvat ir-Rapport tal-Awditur għar-Rapport Finanzjarju għas-sena 2015.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar (10) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova din il-mozzjoni u għaldaqstant għandu jiġi ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ir-Rapport tal-Awditur għar-Finanzjarju għas-sena 2015.**

**DOK 'B'**

**14/06** **KORRISPONDENZA**

**14/06/01** **Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-korrispondenza dwar:

**DOK 'E 1-5'**

1. Il-Kunsill ħa nota ta' korrispondenza mibgħuta mill-Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri li fis-7 ta' Mejju se jiġi organizzat il-Choco Kebab Festival, u li n-Nutella Festival mhux se jiġi organizzat f'Ħal Qormi filwaqt li l-Malta Records Festival mhux se tiġi organizzata.

2. Dwar korrispondenza mill-familja ta' Dr Ġorġ Zammit, fejn talbu li l-bust tiegħu jitpoġġa wara l-Knisja ta' San Franġisk, jiġifieri fil-viċinanzi tal-każin tal-Għaqda Mużikali San Ġorg Martri. Il-Kunsill ħass li l-bust jinsab f'post addattat ħafna peress li jinsab fi ġnien li huwa msemmi għalih stess, kif ukoll wieħed ta' min jgħid li l-artist meta għamel dan il-bust żamm f'moħħu is-sit fejn se jkun esebit u għaldaqstant id-dimensjonijiet tiegħu ġew kkunsidrati f'din il-perspettiva, filwaqt li ż-żona pproposta hija wisq iżgħar u magħluqa.

3. Dwar il-korrispondenza minn Attard & Co, il-Kunsill innota b'sodisfazzjoni li x-xogħol tal-Contracts Manager qed jagħti r-riżultati mixtieqa.
4. Dwar komunikazzjoni mill-kamra tan-nar San Sebastjan, il-Kunsill għandu jlaqqa' ż-żewġ għaqdiet biex jiġi fformolat ftehim ġdid għall-perjodu 2016-2018.

5. Dwar korrispondenza mingħand TCTC, il-Kunsill qabel unanimament sabiex jorganizza kors tal-kompjuter iKids għat-tfal, u jħallas l-ispiża ta' Eur1150 skont l-arranġamenti tas-snin preċedenti.

**14/07 INFORMAZZJONI**

**14/07/01** **Il-Kunsillier Renald Falzon** saqsa dwar jekk ir-rapport tal-kundizzjoni tal-bankini għadux validu peress li ilu snin li sar. Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina wieġeb li dan għadu validu ħafna anke peress li minn dak iż-żmien ftit huma l-bankini li saru u huwa faċli li tiddetermina dawk li saru filwaqt li l-oħrajn li kienu fi stat ħażin dak iż-żmien għadhom fi stat ħażin illum.

**14/07/02** **Il-Kunsillier Dr. Antoine Saliba Haig** xtaq jawgura lill-Qormi Hockey Club talli għal darb'oħra reġgħu rebħu l-kampjonat. Il-Kunsill għandu jibgħat ittra ta' awgurju.

**14/07/03** **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** xtaq jirringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv dwar il-ħidma tiegħu u ta' kull min kien involut biex il-websajt tal-Kunsill qed tiġi *revamped*.

**14/07/04** **Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** issuġġerixxa biex il-Kunsill jagħmel eżerċizzju u jbiddel it-tabelli tat-traffiku li għandhom bżonn jinbidlu peress li uħud m'għadhomx jingħarfu.

**14/07/05** **Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** fakkar ukoll fil-programm ta' manutenzjoni tal-marki tat-toroq. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dan il-programm jista' jibda malli l-Kunsill ikun xtara vann, fejn bħalissa hemm sejħa għall-offerti miftuħa għax-xiri tiegħu.

**14/07/06** **Il-Kunsillier Renald Falzon** sostna li l-Kunsill għandu jagħmel aktar pressjoni dwar drenaġġ li qed ikun hemm fil-wied faċċata tal-klabb tal-boċċi. Il-Kunsill qabel li għandu jikteb formalment lill-Ministru responsabbli direttament.

**14/07/07** **Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** fakkar fit-tindif tal-culvert li hemm fi Triq il-Wied, fejn għandna nitolbu l-Ministeru jindikaw meta se jitnaddaf u kif se jsir it-tindif. Il-Kunsillier

Bjorn Azzopardi sostna wkoll li l-Kunsill jikteb lill-awtorita' responsabbli miż-żona ta' wara l-klabb tal-Boċċi ta' San Sebastjan u l-piċċ tal-Hockey sabiex issir tindifa kbira.

**14/08 AĠĠORNAMENT**

**Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina aġġorna il-laqgħa.**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 16 ta' Mejju 2016 fis-6.30 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fid-07:45 ta' filgħaxija.

| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
|---|---|
| Rosianne Cutajar<br>Sindku | Kenneth Brincat<br>Segretarju Eżekuttiv |

Minuti approvati llum it-Tnejn, 16 ta' Mejju 2016.